

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Bernat Montagut Viladot huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 409, 17.11.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Jannar 2016 – TVR Automotive vs UASI – Cardoni (TVR ENGINEERING)**

(Kawża T-781/14) <sup>(1)</sup>

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Kumunitarja figurattiva TVR ENGINEERING — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti TVR — Raġuni relativa għal rifjut — Assenza ta' xebħ bejn is-sinjal — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2016/C 098/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: TVR Automotive Ltd (Whiteley, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Fabio Cardoni (Milan, l-Italja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Settembru 2014 (Każ R 2532/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn TVR Automotive Ltd u M. Fabio Cardoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TVR Automotive Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 26, 26.1.2015.

---

**Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' Jannar 2016 – Proforec vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-120/15) <sup>(1)</sup>

("Rikors għal annullament — Reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika protetta — Focaccia di Recco col formaggio — Assenza ta' interess ġuridiku — Inammissibbiltà")

(2016/C 098/57)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Proforec Srl (Recco, l-Italja) (rappreżentanti: G. Durazzo, M. Mencoboni u G. Pescatore, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u J. Guillem Carrau, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/39, tat-13 ta' Jannar 2015, li jirregista denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Focaccia di Recco col formaggio (IĠP)] (ĠU L 8, p. 7).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Taljana u tal-Consorzio della Focaccia di Recco col formaggio.
- 3) Proforec Srl hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea bl-eċċejżjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.
- 4) Proforec, il-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana u l-Consorzio della Focaccia di Recco col formaggio għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

<sup>(1)</sup> ĠU C 138, 27.4.2015.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2016 – TMG Landelijke Media u Willems vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-189/15) <sup>(1)</sup>

[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Korrispondenza bejn l-awtoritajiet Olandiżi u l-Kummissjoni dwar l-aġġustament annwali tal-kontribuzzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-baġit tal-Unjoni, magħmul abbażi tal-prodott gross nazzjonali — Rifjut parżjali ta’ aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”]

(2016/C 098/58)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Partijiet

Rikorrenti: TMG Landelijke Media BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) u Menzo Williams (Voorburg, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: R.S. Le Poole u L. Broers, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Frar 2015 li tirrifjuta parżjalment li tagħti aċċess lil M. Willems għal dokumenti relatati mal-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Olandiżi dwar l-aġġustament annwali tal-kontribuzzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.